MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Avviz Numru. 269/2008

**Kevin Charles Micallef u Joanne Mifsud**
**Vs**
**Alexander Attard bhala Editur tal-gazzetta 'In-Nazzjon'**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ipprezentat fit-23 ta' Lulju tas-sena 2008 fejn ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex l-intimat thallas lil kull wiehed minnhom dik is-somma li tigi hekk stabbilita minn din il-Qorti li ma teccedix hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646) u dan wara li b'artikolu ppublikat u mxandar fil-gurnal in-Nazzjoni tal-harga tas-27 ta' Marzu 2008, intitolat "Immultat €699 wara li ghammar qattusa", il-konvenut ghamel imputazzjonijiet u addebiti fil-konfront tal-atturi li huma ghal kollox libelluzi u dawn peress li huma malafamanti u ntizi li jtellfu jew inaqqsu mir-reputazzjoni ta'l-istess atturi u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-Ligi tal-Istampa jigifieri Kap. 248, kopja ta' liema artikolu qed jigi anness u pprezentat bhala Dok A;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-prezenti sal-pagament effettiv u bil-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni u b'riserva cara lill-istess atturi ghandhom kontra l-konvenuti taht il-ligijiet ordinarji;

Rat l-eccezzjonijiet ippresentati fis-17 ta' Ottubru 2008 fejn qal illi, bi zball genwin, gie ippubblikat illi l-Qorti ikkundannat lill-attur ihallas is-somma ta' €699 meta fil-fatt kienet martu Joanne Mifsud, dak iz-zmien l-gharusa tieghu, li giet ikkundannata thallas dan l-ammont; l-zball nibet mill-fatt illi l-attur odjern kien ukoll konvenut fil-kawza li fih Joanne Mifsud giet ikkundannata u fis-sentenza jintqal illi kien l-attur Micallef li ghammar lill-qattusa meta fil kuntratt ta' bejgh kien hemm proibizzjoni li jsir dan.

Il-konvenut eccepixxa wkoll illi ppubblika d-debita korrezzjoni u ghalhekk issottometta illi l-Qorti ghandha tiehu din in konsiderazzjoni a tenur ta'l-arti 28 (2) tal-Kap 248.

**Provi**

Rat ix-xhieda ta' Charles Kevin Micallef illi inghata fit-3 ta' Marzu 2009 u fejn huwa stqarr illi huwa jahdem f'lukanda bhala Sales and Food and Beverage Controller kif ukoll, flimkien mal-mara tieghi, ossija l-attrici mieghu, jipprezenta program fuq it-television li fih jitkellem dwar l-annimali. Stqarr ukoll illi huma t-tnejn ukoll membri tal-Malta Feline Guardians Club li jorganizza wirjiet tal-qtates.

Micallef stqarr ukoll illi dwar l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, huwa ra illi kienet qed issir referenza ghalih personali meta attwalment il-kawza giet deciza kontra il-mara tieghu. Dwar l-artikolu, huwa jghid illi l-artikolu jghid xi haga totalment differenti mis-sentenza u dan peress illi jallega illi r-rikorrenti ffalsifikaw xi kuntratt u b' hekk gew ikkundannati ihallsu is-somma ta' tlett mitt liri Maltin.

Micallef ikompli jghid illi, bhala rizultat ta' dana l-artikolu, huwa gie avvicinat mill-management tal-lukanda ghall spjegazzjonijiet kif ukoll gew avvicinati minn sposors illi

huma ghandhom ghall-programm televisiv taghhom, fejn dawna talbu spjegazzjonijiet. Micallef jghid ukoll illi madwar tlett gimghat wara li hareg l-artikolu, ghal wirja illi regolarment tigi organizzata mill-club li taghha huma membri, fejn is-soltu jattendu madwar 1,500 ruh, dik id-darba bil kemm gew nofshom., u dana huwa attribwiha ghal fatt illi inghataw pubblicita' hazina.

Rat l-affidavit ta' Joanne Mifsud Micallef ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2011 fejn hija stqarret li qabel ma zzewget lir-rikorrent Kevin Micallef hija kienet xtrat qattusa Persjana minghand certa Nadine Cachia u ffirmat kuntratt li din il-qattusa ma tistax tigi mghammra biex ikollha l-frieh. Fl-istess kuntratt Nadine Cachia kienet ukoll obbligat li taghtini zewg certifikati ta'l-istess qattusa, madanakollu dawn ic-certifikati qatt ma waslu.

Din il-qattusa eventwalment Joanne Mifsud Micallef ghaddietha lill-gharus taghha ta' dak iz-zmien, eventwalment ir-ragel u r-rikorrent tal-kawza odjerna, Kevin Micallef imbaghad Nadine Cachia fethet kawza kontrijja u kontra Kevin Micallef stante li allegat li l-qattusa in kwistjoni kellha l-frieh, haga li ahna konna qeghdin nikkontestaw. Madanakollu, t-Tribunal iddecieda li jiena kont ksirt l-obbligazzjoni tal-kuntratt fir-rigward tat-taghmir tal-qattusa.

Wara madwar sentejn li l-kawza giet deciza, Nadine Cachia infurmat lill-Media dwar din il-kawza pero m'ghadditilhomx l-informazzjoni korretta, infatti Mifsud Micallef tikkontendi li s-sentenza kkundannat lilha biex thallas lil Nadine Cachia s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (LM300) mentri esonerat lil Kevin Micallef minn kull responsabbilita. Madankollu l-media rrapurtaw li kien ir-ragel tieghi Kevin Charles Micallef li kien ikkundannat ihallas din is-somma.

Din l-informazzjoni instemghet u kienet fil-gurnali kif ukoll fit-televisions. L-ewwel li semghatha, tistqarr Mifsud Micallef, hija x'hin qamet filghodu u fethet it-television u fuq stazzjon lokali rat persuna taghmel resume' tal-gurnali u bdiet tirrakkonta dwar dan il-kaz. Mifsud Micallef qalet li

hi ghandha xoghol t’ghalliema u kienet urtata hafna u mwegga’ minhabba li wara li din l-istorja harget fil-media persuna li tahdem maghha giet tistaqsiha dwar il-kaz ghax qalet li ma fehmitx ezattament dwar dak li ntqal fil-gazzetti. Mifsud Micallef stqarret li ma kientx taf kif ser tirrispondiha ghaliex kienet ghadha taht xokk u kienet imbarazzata hafna.

Hi stqarret li minhabba l-gideb ta’ persuna sar attentat biex jithammeg ir-ragel taghha kif ukoll hi stess. Madanakollu tikkonferma li kieku l-fatti kienu kif suppost hi ma kienet tghid xejn izda peress li l-fatti kibru u kabbruhom allura kellha tiehu l-passi odjerni.

Rat l-ittra datata 8 ta’ Frar 2011 mahruga mill-Ufficju tar-Registratur tal-Istampa fejn ikkonferma li fis-27 ta’ Marzu 2008, is-Sur Alexander Attard kien l-editur tal-gurnal in-Nazzjon.

Rat is-sentenza tat-Tribunal ghall-Talbiet Zghar moghtija fis-7 t’April 2006 fejn fuq talba ta’ Nadine Cachia, Joanne Mifsud giet ikkundannata thallas Lm300 talli kissret kuntratt li kienet ghamlet ma’ l-istess Nadine Cachia, filwaqt illi Kevin Charles Micallef gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat ix-xhieda ta’ Alexander Attard illi qal li wara li ndunaw bl-izball fir-rappurtagg bi ftehim mal-gurnalista illi kien qed jiehu hsieb li jirrapporta l-artikolu, fit-18 ta’ Ottubru 2008 giet ippubblikata korrezzjoni. L-istess Attard jistqar illi huma kienu gew mgharrfa bl-izball permezz ta’ ittra datata 4 t’ April 2008. Mistoqsi ghaliex il-korrezzjoni giet ippubblikata sitt xhur wara, jigifieri f’Ottubru 2008, Attard jghid illi wara tali ittra kien hemm skambju ta’ korrispondenza u anke telefonati sabiex jintlahaq kompromess dwar il-kontenut tal-kjarifika.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati dwar il-kaz;

**Ikkunsidrat**

Tali kaz jirrigwarda rappurtagg ta’ kaz illi kien gie deciz fis-7 t’April 2008 u li kien rizultat ta’ tilwima li kienet inqalghet bejn Nadine Cachia u Joanne Mifsud flimkien mal-gharus taghha ta’ dak iz-zmien, u sussegwentement ragel taghha, Kevin Charles Micallef.

Jirriuzlta illi, wara dina t-tilwima, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ezamina il-kaz fir-reqqa u, filwaqt illi llibera lil Kevin Charles Micallef fuq il-bazi illi huwa ma kienx jaf li martu intrabtet ma’ Cachia illi ma tghammarx il-qattusa li kienet xtrat minghand Cachia, sabiex lil Joanne Mifsud Micallef hatja talli kissret kundizzjoni tal-kuntratt ta’ xiri u ghalhekk ikkundannata thallas is-somma ta’ Lm300.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Harsa lejn l-artikolu prodott mill-gurnal li tieghu l-konvenut kien l-editur juri illi, ghalkemm l-istess artikolu jaghti il-fatti kollha tal-kaz b’mod dettaljat, jizbalja meta jghid li “Kevin Charles Micallef kien ordnat ihallas €699” u dana peress illi hareg car fis-sentenza li l-istess Kevin Charles Micallef kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghandu jinghad ukoll illi l-istess artikolu, fl-ahhar tieghu, jghid illi l-Pulizija kienu ser imexxu il-kaz u dana “quddiem il-Magistrat Miriam Hayman fit-23 ta’ Mejju 2008”.

Ghandu jinghad illi quddiem dina l-Qorti, l-unika prova li ngiebet dwar proceduri fil-Qorti kienu dawk tal-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u l-ebda mill-partijiet ma prpovdew provi dwar xi proceduri kriminali li nbdew.

Il-Qorti tinnota ukoll illi, fil-harga tat-18 t’Ottubru 2008, ftit wara illi hareg l-artikolu fit-28 ta’ Marzu 2008, giet ippubblikata korrezzjoni ghal dak irrappurtat.

**Ikkunsidrat**

L-eccezzjoni imressqa mill-konvenuti ma hija xejn ghajr ammissjoni ta’l-istess konvenut illi sar zball – tali

ammissjoni bikrija ta’ l-akkuzat certament timmilita favur l-istess akkuzat peress illi kien car li l-akkuzat accetta li ghamel zball u kien lest illi joqghod ghad-decizjoni ta’ dina l-Qorti. Minn naha l-ohra, l-akkuzat naqas lejn l-atturi meta huwa ghadda biex jippubblika il-korrezzjoni tal-izball taghhom aktar minn sitt xhur wara illi kienet grat – kien ikun ahjar kieku l-konvenut ghadda biex jippubblika l-ittra ta’ kjarifika minnufih ghax b’hekk il-posizzjoni ta’l-atturi setghet tigi sanata fi zmien qasir. Il-fatt illi damu ftit anqas minn sitt xhur sabiex jippubblika il-kjarifika ma ghamlet xejn hlief illi regghet fethet il-feriti kkawzati meta probabilment il-kwistjoni kienet gia intesiet.

Filwaqt illi l-Qorti tifhem illi rappurtagg li sar seta kien rizultat ta’ zball genwin da’ parte tal-gurnalist u li l-istess gurnal eventwalment hareg korrezzjoni ghall-artikolu, xorta wahda jibqa l-fatt illi l-gurnal rrapurta hazin dwar persuna, liema rappurtagg seta rreka danni ghar-reputazzjoni tieghu.

Minn naha l-ohra, filwaqt illi l-atturi ma kienux f’pusizzjoni illi jikkwantifikaw danni illi huma sofrew, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li r-rikorrenti Joanne Mifsud ma tistax titqies bhala ingurjata peress illi s-sentenza moghtija kontriha giet rapportata. Apparti minn hekk, jidher illi l-kwistjoni tant kienet frivola illi l-Qorti wisq tibza li aktar inghata prominenza bir-reazzjoni illi ghamlu l-atturi milli kieku b’mod aktar civili solvew il-kwistjoni b’mod aktar serju u distint. Tali frivolita’ ta’ kwistjoni ghalhekk ser tigi kkunsidrata mill-Qorti.

Madanakollu, il-Qorti hija rinfaccjata b’ammissjoni da’ parte tal-konvenut li qed jaccetta illi sar zbal, liema zball jiddeskrivieh bhala “zball genwin”.

**Konkluzjoni**

Tenut kont tal-fatti kif fuq spjegati, il-Qorti, wara illi rat il-Ligi u il-fatti kollha, fuq ammissjoni tal-konvenut tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-artikolu mxandar fil-gurnal in-Nazzjoni tal-harga tas-27 ta’ Marzu 2008, intitolat “Immultat €699 wara li ghammar qattusa”, kien

malafamanti fil-konfront ta' l-istess atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut Alexander Attard sabiex ihallas, in linja ta' danni kkawzati lill-istess Kevin Charles Micallef u Joanne Micallef u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' hamsin ewro (€50) u tikkundana lil Alexander Attard sabiex ihallas dik is-somma lill-atturi hekk likwidata permezz ta' din id-decizjoni.

L-ispejjes ta' dina l-procedura jithallsu mill-konvenut Alexander Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------